MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Numru 533/2003

**Artikoli 18, 183, 184, 189, 308, 309, 310, 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 13 u 14 tal-Kap 70 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Raymond Vella Gregory**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
**V**

**ANTHONY DEGUARA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY DEGUARA** ta’ tnejn u erbghin sena bin Carmel u Jeanette nee Terry, imwieled Birmingham l-Ingilterra nhar l-erbgha ta' Dicembru 1960 u residenti Block 2 Flat 3, Triq B'Bugia, Tarxien, detentur

tal-karta tal-identita numru 445981M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Fil-wiehed u ghoxrin ta' Settembru 2002 u fi granet precedenti f'San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew skritturi kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ciooe biljetti tal-Lottu Pubbliku, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u talli xjentement ghamel uzu minn tali falsifikazzjonijiet f'atti awtentici u pubblici u cioe numru ta' biljetti tal-Lottu Pubbliku.

2. Talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe biljetti tal-Lottu Pubbliku.

3. Talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalfiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh, qerq ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira maltin bi hsara lil Joseph Spiteri minn Bormla u diversi persuni ohra.

4. Talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

5. Talli fl-istess cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi taht ebda titolu jew b'xi mod, ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu.

6. Talli fl-istess cirkostanzi biegh jew offra ghal bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku f'post li ma huwiex mahtur ghaldaqshekk.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-dsatax ta' Gunju 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 183, 184, 189, 308, 309, 310, 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 13 u 14 tal-Kap 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni sa mill-bidu nett u cioe meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar d-disgha ta' Gunju 2003 li tinsab esibita fl-atti bhala dokument CSH 3 w in oltre li l-istess imputat ta ruhu f'idejn il-Pulizija hekk kif gie lura mill-Ingilterra.

Rat li minn ezami ta' din l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat stess nhar d-disgha ta' Gunju 2003, il-Pulizija ser tasal ghal investigazzjoni aktar intensa rigwardanti l-Lottu Pubbliku.

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-istess imputat ghandu diversi reati addebitati lilu fejn huwa kien diga nstab hati fejn l-ahhar reat imur lura ghas-sena 1998.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti trid zzomm bilanc bejn l-interessi tal-imputat kif wkoll tas-socjeta.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat ANTHONY DEGUARA hati tal-akkuza kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------